# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 203/2022 TA**

**Mr Green Limited (C43260)**

**Vs**

**Michael Kugler (Detentur tal-Passaport Awstrijak Numru 7803697) Kif Debitament Rappreżentat mill-Mandatorju Speċjali Avv Damien Deġiorġio Detentur Tal-Karta Tal-Identita’ Numru 103075M**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Logħob (l-Awtorita’) tal-25 ta’ Mejju 2022 li permezz tiegħu qed titlob li tintervjeni f’dawn il-proċeduri in status et terminis abbażi tal-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta.

Rat ir-risposta tal-Michael Kruger (l-intimat) tas-17 ta’ Ġunju 2022.

Rat ir-risposta ta’ Mr. Green Limited (is-Soċjeta’ intimata).

Rat l-atti kollha u dokumenti f’dawn il-proċeduri.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għal digriet fil-miftuħ.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Jibda biex jingħad li dawn il-proċeduri saru abbażi ta' dak li jgħid ir-regolament 45 tal-Brussels Recast I. Dan r-regolament jistabilixxi li sabiex ma tiġix rikonoxxuta Sentenza ta' Qorti ta' pajjiż kommunitarju f'territorju ta' pajjiż kommunitarju ieħor għar-raġunijiet li jsemmi dan ir-regolament, dan jista' jsir "<u>Fuq it-talba</u> *ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:"* Fit-test ingliż il-kelma li tintuża hija *application.* Dan ir-regolament għalhekk ma jipprovdi għal-ebda proċedura solenni jew ikkumplikata. Għalhekk sempliċi rikors ikun biżżejjed. Di fatti dawn il-proċeduri saru permezz ta' rikors.

F'dan il-kuntest, l-intimat iwieġeb preliminarjament, li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Awtorita' ma tistax tipprevali ruħha mill-benefiċċju li jagħti lit-terz l-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li dawn il-proċeduri ma humiex Kawża u l-artikolu inkwistjoni jippermetti l-intervent tat-terz f'Kawżi biss. In sostenn ta' dan saħansitra jirreferi għal diversi digrieti mogħtija minn din il-Qorti li stabbilew, li biex proċedura titqies bħala Kawża trid issegwi dak li jiddisponi l-artikolu 154 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Fi ftit kliem, Kawża hija hekk ikkunsidrata meta tinbeda permezz ta' rikors ġuramentat bid-debiti avviżi li jingħataw lill-parti kuntrarja għar-risposta ġuramentata apparti l-formalitijiet l-oħra rikjesti.

Għalhekk biss, ir-rikors tal-Awtorita jista' jiġi miċħud, iżda l-Qorti ser tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet. Huwa minnu ukoll, li s-Sentenza tal-Qorti

Awtsrijaka kienet bejn il-partijiet biss għal dawn il-proċeduri u kienet tirrigwarda debitu komuni bejn tnejn minn nies privati. Tagħhom kien l-uniku interess ġuridiku f'dik il-Kawża u tagħhom jibqa' l-uniku interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tfakkar, li dawn il-proċeduri jibqgħu dejjem ancillari għal dawk awstrijaċi.

Il-Qorti tifhem ukoll, li l-Awtorita' jista' għandha interess wisgħa iżda mhux ġuridiku fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Dan ma hux ġuridikament biżżejjed biex titħalla tintervjeni. Ġie ritenut li l-interess meħtieġ sabiex persuna titlob skond l-Art 960 tal-Kap 12 illi tintervjeni f`kawża li tkun għaddejja bejn ħaddieħor, irid ikun interess ġuridiku, u ċioe` interess sostanzjali u dirett fil-kawża, mhux sempliċement interess fl-eżitu ta` dik il-kawża, bil-ħsieb li dak l-eżitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawżi oħra. (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tal-24 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet Primitive African Art Limited -vs- Henri Baudet et**) .

Finalment il-Qorti ma tistax ma tosservax, li fil-lista ta' xhieda, anke jekk ma kienitx meħtieġa f'dawn il-proċeduri, l-Awtorita hija indikata bħala xhud (Ara a' fol 23). Dan ifisser, jekk u meta titħarrek biex tixhed, din dejjem ser ikollha l-possibilita' li tinstema' minn din il-Qorti.

Fl-aħħar nett il-Qorti tinnota ukoll, li r-rikors tal-Awtorita' biex tintervjeni għandu ukoll minn nota ta' osservazzjonijiet għalhekk ser tkun qed tordna l-isfilż tiegħu.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiddeċiedi dwar ir-rikors tal-Awtorita' billi tiċħdu u tordna l-isfilż tiegħu mill-atti għar-raġunijiet spjegati.

Spejjes ta’ din il-proċedura a’ karigu tal-Awtorita’

Illum 11, ta’ Lulju, 2022

**Imħallef Toni Abela**